# 72 sena mill-mewt ta' Patri Avertan Fenech O.Carm



Ghalkemm fil-hajja siekta ta' tal-Karmelu Patri Avertan Fenech irnexilu jitla' 'l fuq it-tarag tal-qdusija. L-ammirazzjoni ta' shabu l-Patrijiet li ghexu mieghu kienet: kif kien jirnexilu jghix il-hajja religjuza b'mod semplici imma fl-istess waqt mhux medjokri? Kif kien jirnexxilu jaghmel l-affarijiet ta' kuljum b'imhabba kbira!

Patri Avertan Fenech li ismu tal-magħmudija huwa Lwiġi Fenech, twieled il-Mosta fl-10 ta' Lulju 1871, u kien l-uniku wild ta' Duminku u martu Marija Attard. Trabba fil-għożża u ngħata formazzjoni nisranija soda. Fit-12 ta' Frar 1888 daħal novizz Karmelitan fil-kunvent tal-Belt u fis-17 ta' Frar tas-sena ta' wara għamel il-Professjoni Sempliċi u beda jissejjaħ Fra Avertan. Fis-27 ta' Frar 1892 għamel il-Professjoni Solenni. Sadattant kien qed jistudja t-Teoloġija fil-kunvent ta' San Ġiljan. Fil-5 ta' Lulju 1896 ġie ordnat saċerdot, filwaqt li baqa' fil-kunvent ta' San Ġiljan, fejn ingħata mal-ewwel għall-qrar u d-direzzjoni spiritwali. Wara xi snin intbagħat fil-kunvent tal-Belt. Fl-1906 intbagħat fil-kunvent tal-Imdina bħala surmast tan-novizzi. Dam 26 sena jifforma ġenerazzjoni wara l-oħra ta' żgħażagħ fl-ispirtu ta' l-Ordni Karmelitan. Ghal kull ic-centru ta' l-gurnata tieghu ghandha tkun il-quddiesa li jiccelebra u ma jistax jonqos li hekk kien ghall-Patri Avertan li kien jaghmilha b'qdusija kbira tant li hafna jirakuntaw li raw jibki bhal tarbija specjalment fil-mument tal-konsagrazzjoni meta ghal-ewwel darba fil-quddiesa s-sacerdot jerfa f'idejh il-gisem u demm ta' Gesu' hekk kif jigi ikonsagrat. Bla dubju l-ikbar dulur tiegu kien li meta l-marda kiefra hakmietu tant li ma setax jiccaqlaq huwa ma setax jqaddes aktar. Dan gara fit-23 ta' Mejju 1932 meta tah attakk ta' puplesija li ħallietu b'nofs ġismu ma jiċċaqlaqx U hawn ukoll Patri Avertan jiehu l-marda tieghu bhala att ta' ubidjenza lejn Alla l-imbierek, mhux sempliciment ghax ma setax jaghmel mod iehor imma biex jkun jixbah lil Gesu' kurcifis imsamar mas-salib. U l-att ta' ubidjenza tieghu kien jesprimih meta bhal Gesu' kien jobdi bla ma biss jilmenta lil dawk li kienu jakumpanjawh fil-marda tieghu. Il-patrijiet li ghexu mieghu jghidu kien qisu tifel ckejken kulma tghidlu jobdi. Lil min kien jghidlu Imxi ftit halli ma tibisx kien jiprova jaghmel dan anke bit-tbatija u bl-ghajnuna ta' haddiehor.



Min kien jghidlu ticcaqlaqx min hemm ghax taqa' huwa kien jiringrazjah, jitbissimlu u jobdieh ukoll, kien jieqaf u joqghod bil-qeghda fis-skiet bla ma jicaqlaq. Jidhru zaghar dawn il-hwejjeg imma xi drabi dawn il-hwejjeg jirovinawlna kollox meta ma naghmlhuomx bl-imhabba u nispiccaw ngergru. Patri Avertan uzhom biex jmexuh 'il quddiem fil-hajja spiritwali tieghu.

Bla dubju bhala Religjuz fil-Familja Karmelitana fejn l-ezercizju tal-prezenza t'Alla – jigifieri li zomm 'l Alla quddiem ghajnejk f'kull hin, kien ezercizzju li Patri Avertan kien juzah hafna. Ghalih kull persuna, kull cirkostanza, kienet mumenet fejn tara 'l Alla jaghmmar f'hajtek. Bhala surmast tan-novizzi, kien jhobb jaghlimhom lin-novizzi, ftakru fit-tabernaklu, jekk huwiex tad-deheb, tl-irham, tal-fida jew injam Gesu' Ewkaristija joqghod fih bla ma jilmenta u hekk intom araw 'l Alla f'hutkom specjalment superjuri taghkom taghtux kaz persunthom jew il-karatru taghhom, jekk hux twajbin jew zori imma hemm Alla fihom ukoll!

Bla dubju biex tidhol fil-prezena t'Alla trid jkollok l-umilta li tpoggi ruhek fil-post maghzul minn Marija, l-qaddejja tal-Mulej ha jsir minni skont kelmtek, u ghalkemm Patri Avertan kellu hidmiet gholja f'hdan il-Provinçja Karmelitan f'Malta u qatt ma pretenda xejn min hadd. Anke meta kien imfittex biex jaghti pariri jew mitlub jkun konfensur ta' hafna minhabba qdusitu u l-gherf spiritwali tieghu u qatt ma oghla rasu anzi kien jzomm ruhu bhala midneb kbir u l-qaddej ta' kulhadd.

Il-11-il sena msammar mas-sodda li Patri Avertan ghadda minnhom kienu l-martirju tieghu. Ma jista jaghmel xejn, l-anqas jitkellem ghax ma kienx jiftiehem imma fuq fomm dejjem kellu tbissima ta' paci u harsa fissa lejn Gesu' Kurcifiss li kellu mwahhal mal-hajt quddiemu. Fiz-zmien tat-II Gwerra is-salib ta' Ptatri Avertan aktar tqal ghax jekk il-gwerra igieb toqol fil-hajja ta' kull persuna wisq iktar ta' persuna marida pupletika f'qiegh ta' sodda f'kunvent. Imma Patri Avertan jitla' b'sabar u paci l-ahhar ftit tal-kalvarju tieghu.

Jinghad li kif tghix tmut u fil-kaz ta' Patri Avertan dan sehh tassew ghex fis-skiet maqghud wahdu m'Alla u miet fis-skiet, wahdu maqghud m'Alla fl-1 ta' Novembru tal-1943. Jalla il-hajja semplici ta' Patri Avertan tkompli hegigna biex ahna ukoll nfitxu lil Alla fl-affarijiet semplici ta' kuljum, bhalu rridu nfittxu s-skiet fejn hemm nistghu nsibu lil Alla tassew. U nitolbu biex issa li Patri Avertan jinsab quddiem Alla jintercedi ghalina biex fil-mumenti tal-kalvarju taghna bhalu nobdu u naghmlu rieda t'Alla.